



Brussell, 5 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

9895/19

CADREFIN 261	RECH 287
FSTR 73	JAI 606
POLGEN 110	ENER 287
REGIO 108	MI 499
FC 44	MAR 119
ECOFIN 541	COMPET 445
ENV 526	AGRI 284
TRANS 370	SUSTDEV 92
PECHE 270	

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 9101/19 + COR 1

Nru dok. Cion: COM(2019) 21 final - doc. 5927/19 + ADD 1

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' Strateġiji
Makroreġjonali tal-UE

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' Strateġiji Makroreġjonali tal-UE, kif adottati mill-Kunsill Affarijiet Ġenerali fil-laqgħa tiegħu tal-21 ta' Mejju 2019.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' Strateġiji Makroreġjonali tal-UE

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

(1) IFAKKAR

- a) fil-konklużjonijiet tiegħu li stabbilixxew l-erba' strateġiji makroreġjonali attwali tal-Unjoni, jiġifieri l-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku (EUSBSR) tal-2009, l-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tad-Danubju (EUSDR) tal-2011, l-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun Adrijatiku u Joniku (EUSAIR) tal-2014 u l-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Alpi (EUSALP) tal-2015¹, kif ukoll fil-konklużjonijiet tiegħu tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar il-valur miżjud tal-istrateġiji makroreġjonali² u tal-21 ta' Ottubru 2014 dwar il-governanza tal-istrateġiji makroreġjonali³;
- b) l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tfassal rapport uniku kull sentejn, sa minn tmiem l-2016, li jiddeskrivi l-progress miksub fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji makroreġjonali kollha;
- c) il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-25 ta' April 2017 dwar l-ewwel rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġiji makroreġjonali tal-UE tas-16 ta' Diċembru 2016⁴;

¹ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku (dok. 13744/09), Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tad-Danubju (dok. 8388/11 + ADD 1 REV 1), il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Strateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun Adrijatiku u Joniku (dok. 13503/14) u Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Alpi (dok. 14613/15).

² Dok. 14926/13 + ADD 1

³ Dok. 16207/14

⁴ Dok. 8461/17

- (2) JILQA' l-preżentazzjoni mill-Kummissjoni tat-tieni rapport dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġiji makroreġjonali tal-UE mid-29 ta' Jannar 2019;
- (3) JIRRIKONOXXI r-rwol tal-makroreġjuni fit-trawwim tal-koeżjoni soċjoekonomika u territorjali u tal-kooperazzjoni reġjonali, inkluż permezz ta' kuntatti bejn il-persuni;
- (4) JIRRIKONOXXI li r-rapport huwa bbażat fuq eżempji li juru dak li nkiseb u jiffoka fuq riżultati konkreti, l-isfidi u t-triq 'il quddiem;
- (5) JIRRIKONOXXI l-kisbiet u l-progress li saru fl-aħħar sentejn, deskritti mir-rapport, filwaqt li jieħu kont tal-istadji differenti tal-maturità ta' kull strateġija u d-disponibbiltà differenti tar-riżultati tanġibbli u tad-data, f'termini ta':
- a) il-kontribut għal għarfien aħjar tal-pajjiżi u r-reġjuni parteċipanti dwar l-interess li ssir enfasi fuq oqsma funzjonali meta jiġu indirizzati sfidi komuni;
 - b) l-implimentazzjoni ta' proġetti konkreti bil-għan li titjieb il-kwalità tal-ħajja;
 - c) l-isforz biex jissaħħu r-relazzjonijiet bejn il-pajjiżi parteċipanti u bejn il-pajjiżi tal-UE u dawk li mhumiex, fi żmien meta hemm hteġa li qed tikber biex tiżdied il-fiduċja bejn il-pajjiżi u n-nies;
 - d) l-istabbiliment ta' għodod għall-monitoraġġ tal-istrateġiji makroreġjonali kif rikjest mill-Kunsill;

(6) JOSSERVA l-ħtieġa għal:

- a) tħeġġiġ mill-ġdid tal-momentum politiku b'appoġġ għal strateġiji makroreġjonali inkluż permezz ta' laqgħat ta' livell għoli u governanza u involviment kemm f'diversi livelli kif ukoll ta' diversi partijiet interessati;
- b) iż-żieda tal-involviment, l-impenn u s-sjieda tal-partijiet interessati u s-sħab fil-livell lokali u reġjonali, bħala parti minn approċċ minn isfel għal fuq li jwassal għal sensibilizzazzjoni akbar u sentiment ta' inklużjoni fl-UE;
- c) il-kisba tal-progress fl-attivitajiet ta' komunikazzjoni bħall-iżvilupp ta' strateġiji ta' komunikazzjoni u l-organizzazzjoni ta' avvenimenti u attivitajiet;

(7) IQIS li l-istrateġiji makroreġjonali għandhom isostnu implimentazzjoni mmirata u mmexxija mir-riżultati b'valur miżjud Ewropew ċar, b'riżultati definiti, u li għandhom jiġu żgurati eżerċizzji regolari ta' monitoraġġ u ta' rieżami bl-appoġġ ta' diversi għodod u tal-Kummissjoni; IFAKKAR fil-ħtieġa ta' data affidabbli u komparabbli fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' strateġiji makroreġjonali; JIRRIKONOXXI l-progress li sar mill-pajjiżi parteċipanti u l-Kummissjoni u JINKORAĠĠIXXI t-tkomplija ta' tali ħidma fuq il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni għal valutazzjoni aktar b'saħħitha bbażata fuq l-evidenza tar-riżultati tal-istrateġiji makroreġjonali;

(8) JAPPELLA biex isir l-aħjar użu mir-riżorsi finanzjarji eżistenti, użu aħjar tal-istituzzjonijiet eżistenti u implimentazzjoni aħjar tal-leġislazzjoni eżistenti abbażi tal-prinċipju tal-ebda leġislazzjoni ġdida tal-UE, l-ebda istituzzjoni ġdida tal-UE u l-ebda fondi ġodda tal-UE u JIEĤU NOTA tal-isfidi li jiltaqgħu magħhom il-pajjiżi parteċipanti fir-rigward tal-governanza koordinata tal-istrateġiji makroreġjonali;

(9) JIEĦU NOTA tar-rapport u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni u, f'dan il-kuntest:

- a) JAPPELLA lill-pajjiżi parteċipanti biex isaħħu s-sjieda, jiżguraw appoġġ politiku xieraq fil-livell nazzjonali, filwaqt li jrawmu l-involviment tal-partijiet interessati lokali u reġjonali;
- b) JAPPELLA lill-pajjiżi u lir-reġjuni parteċipanti biex jagħtu s-setgħa lill-implimentaturi ewlenin, bħall-koordinaturi nazzjonali, il-koordinaturi tal-oqsma ta' politika u ta' prijorità, il-mexxejja tal-azzjoni orizzontali, il-mexxejja tal-gruppi, il-membri tal-gruppi ta' tmexxija u ta' azzjoni u l-punti fokali fil-ministeri kompetenti, u billi jipprovdu persunal adegwat u jsaħħu l-appoġġ politiku biex jiżguraw it-twettiq tal-kompitu tagħhom u l-parteċipazzjoni attiva tagħhom fil-gruppi tagħhom;
- c) JISTIEDEN lill-atturi involuti fil-ġestjoni ta' strateġiji biex jikkooperaw, jitgħallmu minn xulxin u jiskambjaw l-aħjar prattiki, u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tappoġġa u torganizza l-kondiviżjoni u t-trasferiment ta' tali prattiki f'kooperazzjoni ma' networks u programmi, fejn xieraq;
- d) JISSOTTOLINJA l-ħtieġa ta' kooperazzjoni mtejbja bejn l-oqsma ta' politika/prijorità fi ħdan l-Istrateġiji, pereżempju permezz tal-użu ta' raggruppamenti ta' oqsma jew kumitati ta' tmexxija konġunti;

- e) JILQA' l-ħidma li għaddejja fuq ir-reviżjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni tal-EUSBSR u l-EUSDR, bil-għan li jiġu pprovduti valur miżjud ċar u artikulazzjoni aħjar bejn il-prijoritajiet ta' politika u s-sorsi ta' finanzjament eżistenti tagħhom, filwaqt li jitqiesu, fejn rilevanti, l-iskedi ta' żmien speċifiċi tad-diversi proċessi kkonċernati;
- f) JISSOTTOLINJA l-importanza li l-istrategġiji makroreġjonali jkomplu jintużaw bħala qafas strateġiku li jippromwovi implimentazzjoni aktar koerenti u sinerġetika tal-politiki, il-programmi u l-fondi tal-UE bħal: politika ta' koeżjoni, politika ta' żvilupp rurali, politiki settorjali ta' qabel l-adeżjoni, tal-viċinat u oħrajn tal-UE, kif ukoll ta' fondi u programmi nazzjonali u reġjonali, inkluż fondi privati, u biex jiġu implimentati proġetti konġunti b'impatt makroreġjonali sinifikanti u riżultati tanġibbli;

(10) JAPPELLA lill-pajjiżi u lir-reġjuni parteċipanti jieħdu kont tal-prijoritajiet tal-istrategġiji makroreġjonali fil-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-programmi rilevanti għal wara l-2020 taħt il-ġestjoni kondiviża u l-programmi rilevanti tal-IPA u l-NDICI mingħajr preġudizzju għan-negożjati dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 u l-pakketti leġislattivi u r-rispett tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u s-sħubija. F'dan il-kuntest:

- a) JAPPELLA lill-implimentaturi ewlenin tal-istrategġija u lill-awtoritajiet tal-programm fil-pajjiżi li jipparteċipaw f'kull strategġija biex jikkooperaw u jikkoordinaw aħjar ma' xulxin sabiex jidentifikaw il-prijoritajiet u l-miżuri ta' interess komuni li jistgħu jiġu appoġġati minn programmi u fondi tal-UE fil-makroreġjun kollu u biex jippromwovu l-allinjament bejn id-dokumenti rilevanti ta' programmazzjoni ta' wara l-2020 u l-istrategġija/i makroreġjonali rilevanti matul il-proċess ta' negożjati tal-Programmi, fi djalogu bejn il-pajjiżi parteċipanti u l-Kummissjoni;
- b) JENFASIZZA l-importanza ta' koordinazzjoni mill-qrib bejn il-programmi li jappoġġaw il-prijoritajiet tal-istrategġiji makroreġjonali sabiex ikun hemm implimentazzjoni mmirata fil-makroreġjun kollu.

(11) JINKORAĠĠIXXI lill-implimentaturi ewlenin tal-istrategġiji makroreġjonali biex jagħmlu użu aħjar mill-programmi ġestiti direttament u indirettament mill-Kummissjoni. F'dan il-kuntest, JAPPELLA lill-Kummissjoni, biex fejn xieraq u b'rispett sħiħ lejn l-oġettivi u l-integrità ta' dawn il-programmi:

- a) tidentifika, f'kooperazzjoni mal-pajjiżi parteċipanti, il-miżuri konkreti għat-tisħiħ tas-sinerġiji u l-komplementarjetajiet bejn il-programmi tal-UE ġestiti direttament u indirettament għal wara l-2020 u l-istrategġiji makroreġjonali;
- b) tkompli ttejjeb u tappoġġa b'mod attiv l-allinjament bejn il-programmi tal-UE ġestiti direttament u indirettament wara l-2020 u l-istrategġiji makroreġjonali;
- c) tipprovdi, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-implimentaturi ewlenin tal-istrategġiji, rendikont tal-parteeċipazzjoni tal-istrategġiji makroreġjonali fil-programmi tal-UE ġestiti direttament u indirettament;

(12) JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-pajjiżi u r-reġjuni parteċipanti biex jieħdu vantaġġ mir-rabtiet bejn strategġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti u raggruppamenti sabiex jiġu konnessi aħjar l-ekosistemi kif ukoll il-politiki industrijali u ta' innovazzjoni fl-istrategġiji makroreġjonali u biex jesploraw u jiżviluppaw aktar il-komplementarjetajiet mal-istrategġiji tal-baċiri tal-baħar;

(13) JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tkompli taqdi rwol ewlieni fil-koordinazzjoni strateġika tal-istrategġiji makroreġjonali u biex issaħħaħ aktar l-involviment tas-servizzi rilevanti tagħha;

- (14) JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tieħu kont tas-sejbiet mill-evalwazzjonijiet u r-rapporti ta' fondi u programmi rilevanti għal aktar ħidma, implimentazzjoni u żvilupp tal-istrategġiji makroreġjonali;
- (15) JENFASIZZA r-rwol tal-istrategġiji makroreġjonali fil-kontribut għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli tagħha, anki billi jitnaqqsu d-disparitajiet soċjali, ekonomiċi u territorjali fil-livell tal-UE;
- (16) JIRRIKONOXXI l-importanza tal-involviment ta' pajjiżi ġirien mhux tal-UE. F'dan il-kuntest, il-Kunsill JAPPOĠĠA BIS-SHIF l-inklużjoni tar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq fil-EUSAIR⁵;
- (17) JIBQA' lest jeżamina kwalunkwe inizzjattiva maqbula b'mod komuni u matura tal-Istati Membri li jiffaċċjaw l-istess sfidi f'żona ġeografika definita, bil-għan tal-istabbiliment ta' strategġija makroreġjonali ġdida;
- (18) JISTENNA B'INTERESS ir-rapport li jmiss tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-istrategġiji makroreġjonali tal-UE sa tmiem l-2020.
-

⁵ Dok. 7793/19